

# IN-NOMI

www.maltikurja.com

# X’INHUMA N-NOMI?

In-nomi huma kliem komuni ħafna fil-lingwa, għax huma l-isem tal-oġġetti, tan-nies u tal-postijiet li hawn madwarna.

www.maltikurja.com



# In-Nomi fil-Malti



- Għandhom dejjem ġens – maskil jew femminil;
- Jistgħu jżidu l-artiklu qabilhom;
- Jistgħu jehmżu pronom personali;
- Ibiddlu l-għadd – singular jew plural.

# IL-KARATTERISTIĊI TAN-NOMI

Meta nħarsu sew lejn in-nomi, insibu li dawn iġorru karatteristiċi differenti. Mhux kull nom huwa bħall-ieħor, għalkemm jista' jkun jixbhu f'xi aspetti.

Eż. David - Proprju, **animat**, determinat

tifel - Komuni, **animat**, indeterminat



Għalkemm nistgħu nkunu qed nitkellmu fuq l-istess persuna, l-għażla tan-nom, turina li n-nomi mhumiex kollha l-istess. Għalkemm *David* u *tifel* huma t-tnejn nomi **animati**, jiġifieri ħajjin, wieħed huwa **Proprju** u għalhekk **determinat (speċifiku)** u l-ieħor huwa **komuni** għalhekk **indeterminat (mhux speċifiku)**.



# ASPETTI DIFFERENTI TAN-NOM

**Komuni / Proprju**: nom **komuni** huwa l-isem ġenerali tal-oġġett, filwaqt li n-nom **Proprju** huwa l-isem speċifiku tal-istess oġġett.

Eż. tifla (komuni) Martina (Proprju)

belt (komuni) Il-Belt Valletta (Proprju)

www.maltikurja.com





**Konkret / astratt**: nom **konkret** huwa dak l-oġġett li tista' tara u tmiss b'idejk.

In-nom **astratt** ma tarahx, imma tista' tħoss l-effett tiegħu.

Eż. ċavetta, sufan, siġra, qattusa (konkreti)

mħabba, għerf, onestà, ferħ (astratti)

**Animat / inanimat**: **animat** huwa annimal jew bniedem ħaj, filwaqt li **inanimat** huwa oġġett bla ħajja.

**Eż.** kelb, ħuta, kaptan, għalliema (animati)

flixkun, siġġu, mejda, tapit (inanimati)






**Determinat / indeterminat**: nom **determinat** huwa nom magħżul mill-oħrajn, jew għax ikollu ***l-artiklu,*** jew ***il-pronom mehmuż***, jew ikun ***nom Proprju***. Għalhekk ikun speċifiku: eż. id-dar, darna, Dar il-Hena.

Nom **indeterminat** huwa nom komuni li mhux magħżul mill-bqija u għalhekk mhux speċifiku, imma wieħed bħall-oħrajn: eż. dar.

# NOMI EWLENIN U MNISSLIN



- **Ewlieni / Imnissel**: nom **ewlieni** huwa nom li **mhux ġej** minn xi kelma oħra, filwaqt li nom **imnissel ġej** minn xi kelma oħra.

# NOMI EWLENIN U MNISSLIN



www.maltikurja.com

- **Nom Denominattiv**: nom li ġej minn xi nom ieħor.

Eż. baħar (nom) – baħħar (nom)

bank (nom) – bankier (nom)

- **Nom Verbali**: nom li ġej minn verb.

Eż. ġera (verb) – ġirja/ ġiri (nomi)

qabeż (verb) – qabża/qbiż (nomi)

- **Nom Kwalifikattiv**: nom li ġej minn aġġettiv.

Eż. sabiħ (aġġettiv) – sbuħija

aħmar (aġġettiv) – ħmura (nom)